# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

# IMHALLEF:

# ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 27 t'April, 2001**

**Numru 12**

**Cit. Nru. 332/01 GCD**

**Eurochange Co. Ltd.**

**Vs**

**Martin Vella**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni ta' l-attrici li ippremettiet:

Illi fl-4 ta' Ottubru 2000 il-konvenut sarraf cekk ghall-ammont ta' 1443.42 Liri Sterlini mahrug fuq "The Royal Bank of Scotland plc", datat l-4 ta' Ottubru 2000, ekwivalenti ghas-somma ta' 922.08 Liri Maltin gewwa l-"exchange bureau" bl-isem Eurochange f'San Giljan, li hija proprjeta` tas-socjeta` attrici;

Illi fil-5 ta' Ottubru 2000 il-konvenut sarraf cekk ghall-ammont ta' 715.51 Liri Sterlini mahrug fuq "The Royal Bank

of Scotland plc", datat il-5 ta' Ottubru 2000, ekwivalenti ghas-somma ta' 460.61 Liri Maltin gewwa l-"exchange bureau" bl-isem Eurochange f'San Giljan, li hija proprjeta` tas-socjeta` attrici;

Illi meta s-socjeta` attrici ppruvat issarraf dawn ic-cekkijiet hija giet infurmata mill-"clearing bankers" taghha l-A.P.S. Bank Ltd., li c-cekkijiet gew ritornati minghajr ma thallsu u mmarkati "no account";

Illi s-somma kumplessiva li ghaliha l-konvenut huwa debitur fil-konfront tas-socjeta` attrici, in virtu taz-zewg cekkijiet fuq imsemmija u ta' hlasijiet amministrattivi relatati mat-tisrif ta' dawn ic-cekkijiet, tammonta ghal 1455.65 Liri Maltin;

Illi kull meta kien interpellat permezz tat-telefon biex ihallas il-bilanc dovut lis-socjeta` attrici, il-konvenut Martin Vella dejjem wiegeb li kien se jhallas minnufih;

Illi ghalkemm interpellat biex ihallas kemm permezz tat-telephone u kemm bil-miktub, il-konvenut baqa' inadempjenti; u

Illi d-debitu tal-konvenut fil-konfront tas-socjeta` attrici, huwa cert, likwidu u dovut ai termini ta' l-artiklu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif inhu kkonfermat mir-rapprezentant tas-socjeta` attrici fid-dikjarazzjoni annessa mac-citazzjoni, u fil-fehma tas-socjeta` attrici l-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti;

U talbet illi din il-Qorti:

1. tiddikjara li l-konvenut debitur tas-socjeta` attrici fis-somma ta’ Lm1,455.65;

2. tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma hekk dikjarata dovuta lis-socjeta` attrici; u

3. tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smigh ai termini tal-art. 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Bl-imghax legali u bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta’ l-attrici;

Rat illi l-konvenut ammetta t-talba wara li l-Qorti fissrithielu;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenut, tiddeciedi billi tilqa’ t-talba ta’ l-attrici kif dedotta fic-citazzjoni, bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.
cm